IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-25 ta' Marzu 2009

li taħtar żewġ Imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

(2009/303/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, kull tliet snin għandu jkun hemm sostituzzjoni parzjali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

(2) Għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2009 sas-6 ta' Ottubru 2015, kellhom jinħatru tlettax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali.

(3) Fil-25 ta' Frar 2009, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatret ħdax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu msemmi hawn fuq.

(4) Sabiex jikkompletaw is-sostituzzjoni parzjali tal-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, il-Gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jaħtru żewġ Imħallfin oħra li l-mandat attwali tagħhom jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2009,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Marko ILEŠIČ u s-Sinjura Camelia TOADER huma b'dan maħturin Imħallfin għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2009 sas-6 ta' Ottubru 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Marzu 2009.

Il-President

M. VICENOVÁ